VALLETTA
Città Umilissima

KUNSILL LOKALI VALLETTA    VALLETTA LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**Is-Sebgħa Kunsill - SEDUTA Nru. 27**

Il-Ħamis 7 ta' Mejju 2015 fis-6.00pm

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar,

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli ppresida.

**PREZENTI**

Kienu prezenti Prof Alexiei Dingli, Dr Normal Shaw, Christian Darren Micallef, Il-Kunsillier Vincent Farrugia Lauri u Vincent Fabri, Raymond Attard u Raymond Azzopardi. L-Ambaxxatur Jake Scerri kien skuzat minħabba l- għandu l-eżamijiet.

**TALBA**

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli qal it-talba.

Il-minuti tas-Seduta Nru 26 li saret nhar It-Tlieta 7 ta' April 2015, fis-6.00pm kienu ikkonfermati.

Is-Sindku ssospenda l-laqgħa biex is-Sur Franco Schembri mill-Ministeru tal-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi zgħar jagħmel *presentation* dwar l-*stalls* ġodda li qed jigu proposti. Dan minħabba li ġew magħzula 5 stalls bħala finalisti. Il-Perit Chris Mintoff tkellem mal-kunsill dwar il-kunċett. Il- Kunsillieri kollha wrew t-tħassib tagħhom minħabba li l-ebda proposta ma' tista tiġi aċċettata għaliex mhux adattati għal Belt Kapitali. Dan minħabba li l-ebda proposta ma' tgħat kas il-bżonnijiet tar-residenti kif ukoll tal-bijiegħa tal-Monti (skont kif infurmana is-Sur Schembri). Il-Kunsill unanimament talab li terga toħrog sejħa gdida u ssir konsultazzjoni qabel ma tinhareg is-sejha.

## 1. ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

1.1 Il-Viċi Sindku Christian Micallef nforma li kellu laqgħa ta' Sur Michael Cohen dwar l-European Capital for Sports. Il-ħsieb huwa li ssir parti mil-V18 minħabba li l-istruttura diga teżisti w taħdem tajjeb.

1.2 Il-Viċi Sindku Christian Micallef nforma dwar l-Attivita' Sportivi Beltin. Nforma li l- gimgħa dieħla ser jitħabbru l-finalisti. Ser ikun hemm 10 awards u 3 rikonoxximenti. Dawn huma Charles Camilleri, Gilbert Agius u Peter Buontempo .

1.3 Il-Minority Leader Dr Norman Shaw nforma dwar il-Clean up day. Din ser titqassam f'4 areas. Ser ikun hemm gazebo b'refreshments, ser ikun hemm towerladder biex jitneħħew wires żejda, u ser jintuża l-van tal-bulky refuse. Ser jingħataw t-shirts. Bil flus li ser jingabru ser tinxtara xi ħaga edukattiva għal-iskola tal-Gvern ta' Iermu.

## 2. KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

2.1 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li kellu lagħqa mal-Ministeru tat-Turizmu fejn ġie nfurmat li l-paving ta' fejn Giannini Restaurant ser isir uplifting u relaying tiegħu. Ser isiru 2 berths ġodda ħdejn Ta' Liesse kif ukoll taħt il-Mediterran għal water taxis. Kien hemm qbil għal dan.
2.2 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li ser jiltaqa ma' l-accountat il-ġdid.
2.3 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li qed jikkorispondi ma' Transport Malta dwar il-parkeggi tal-Ministri biex dawn ikunu jistgħu jintuzaw wara l-hin ta' l-uffiċċju u fil-weekends mir-residenti.
2.4 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li kellu laqgħa mal-pulizija dwar l-problema li hemm quddiem il-Mc Donalds. Din jidher li qed issir minħabba li hemm wifi barra fit-triq għalhekk il-Mc Donalds qed jigu nfurmati biex jillimitaw l-aċċess għal ġewwa biss. Is-Sindku tkellem ukoll ma l-Agenzija Zghazagh, Kummissarju tat-Tfal, Mc Donalds, Embassy Complex kif ukoll

kiteb formalment lil Ministru tal-Gustizja u lil-Kumissarju sabiex flimkien tinstab soluzjoni dewwiema.

2.5 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma l-hemm bzonn li ssir l-gabra ta' l-iskart fiċ-ċentru fil-għodu dan biex ukoll terga tibda ssir l-gabra ta' iskips fil għodu wkoll. Kien hemm qbil dwar dan.

2.6 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li kellu xi llmenti dwar il 133 minħabba li biddlu r-rotta.

2.7 Is-Sindku prezenta quddiem il-Kunsill proposta ġdida sabiex jinħolqu fil-Belt Assemblei Lokali bil-għan li ir-residenti ikun aktar fil-qalba tal-ħidma tal-Kunsill. Il-proposta giet diskussa mil-Kunsill u kien hemm qbil unanimu dwarha.

## 3. KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERI

3.1 L-Kunsillier Raymond Azzopardi nforma dwar l-bankina li hemm faċċata tal-Panchu. Nforma dwar l-parking u l-aċċess għat-tarag. Nforma biex dan jinbidel.

3.2 Il-Kunsillier Vincent Farrugia nforma dwar in-niżla ta' marsaxett biex issirilha tape biex ma tibqax tizloq.

3.3 Il-Kunsillier Vincent Fabri nforma li quddiem il-propjeta ta' Victor Piccinino hemm bzonn li jsiru bollards minħabba li għandu problema biex jidħol fil-propjeta'

## 4. KOMMUNIKAZZJONI TA' L-AMBAXXATUR

NIL

## 5. KORRISPONDENZA

5.1 Korrispondenza minn għand Sur Victor Dimech biex isiru bollards quddiem il-propjeta tiegħu peress qed tkun diffiċli biex jidħol fil-propjeta.

5.2 Korrispondenza minn għand l-Kappillan ta' Santu Wistin biex jinforma dwar il-granet tal-Festa.

5.3 Korrispondenza min għand Renata Grech Muscat kif ukoll min għand Salvinu Galea, biex isir disabled parking minħabba li l-problema ta' mobilita'.

5.4 Korrispondenza min għand Local Government Association biex tinfurmana dwar l-approvazzjoni ta' mwjjed u siggijiet ta' Ellul Bar u Joe Banana Snack Bar.

5.5 Korrispondenza min għand persuna toqgħod 206, Triq San Pawl fejn talbet sabiex isir yellow line bejn il-karozzi għax qegħdin isakrulha il-bieb. Kien hemm qbil dwar dan.

## 6. AMMINISTRAZZJONI

6.1 Is-Segretarju Eżekkutiv Gabriella Agius nfurmat li ntgħalbet no objection għal imwejjed u siggijiet quddiem restaurant Papannis – Strada Stretta, 55, Triq San Gwann (din saret objection) u 13, Misrah ir-Repubblika.

**TMIEM**

Fl-21.00hrs intemmet is-Seduta w giet aggornata għal Ħamis 4 ta' Ġunju fit -18:00hrs.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku